MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 55/2002/1

Anthony Scerri f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' l-imsiefra Kimberly, Lara u Craig ahwa Wadham u b'digriet ta' l-14 ta' Ottubru, 2005 l-atti gew trasfuzi f'isem Andre` Scerri; Joseph, Emanuel, Francis, Mary mart Joseph Quintano, Carmen u Rita lkoll ahwa Scerri; Eugenio, Alfred, Tonio, John u Carmen mart Henry Aquilina, ilkoll ahwa Azzilla; John Borg u Amelia mart Salvatore Borg
vs
Richard Gauci

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li permezz taghha ippremettew:

Illi l-istanti, konsangwenei jew affini ta' Anthony Nicholas *sive* Nicola Borg li miet fl-14 ta' Novembru 2001, huma lkoll l-eredi nominati minn dan id-*decujus* skond it-

testment tieghu tat-18 ta' Novembru 1997, atti Nutar Gerard Spiteri Maempel;

Illi l-konvenut huwa persuna totalment estraneju ghall-imsemmi defunt izda b'testment datat 23 ta' Awissu 2001 atti Nutar Dottor Antoine Agius huwa gie mholli uniku eredi universali ta' l-imsemmi Anthony Nicholas Borg;

Illi skond ma rrizulta minn Espert Kalligrafu l-firma tat-testatur imsemmi fuq dan l-ahhar precitat testment hija falza u dan jirrendi l-istess testment bhala null u bla effett;

Illi anke jekk dan ma kienx hekk l-istess testment huwa wkoll null u bla ebda effett legali in kwantu, kif ghandu jirrizulta, il-volonta` tat-testatur giet karpita b'qerq mill-konvenut u l-validita` tat-testment hawn impunjat jinsab vizzjat b'raggiri, kaptazzjoni u mezzi illeciti ohra, adoperati mill-konvenut li approfitta ruhu wkoll mill-istat prekarju tas-sahha fizika u mentali tat-testatur;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1) tiddikjara u tiddeciedi li t-testment tat-23 ta' Awissu 2001 maghmul minn Anthony Nicholas Borg fl-atti tan-Nutar Antoine Agius huwa null minhabba li l-firma fuqu tat-testatur hija falza;

2) tiddikjara u tiddeciedi li t-testment imsemmi huwa null u ta' ebda effett legali minhabba nuqqas u/jew vizzju tal-volonta` ta' l-istess testatur; u

3) in konsegwenza ghal dan, tiddikjara u tiddeciedi li s-successjoni ta' l-istess Anthony Nicholas Borg ghandha tkun regolata mit-testment precedenti tat-18 ta' Novembru 1997 atti Nutar Gerard Spiteri Maempel.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3420/01 kontra l-konvenut li ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni konfermata bil-gurament minn Emanuel Scerri fejn semma:

1) Anthony Nicholas Borg, ziju ta' Emanuel Scerri, miet b'kagun ta' marda terminali fl-14 ta' Novembru 2001 fl-eta` ta' 81 sena.

2) Bit-testment ta' l-imsemmi zijuh tat-18 ta' Novembru 1997, kif ukoll f'dak precedenti ghalih, datat 4 ta' Settembru, 1997, it-tnejn atti Nutar Gerard Spiteri Maempel, Emanuel Scerri, hutu, kugini, zijiet thallew werrieta ta' l-istess Anthony Nicholas Borg.

3) Illi minn djarji u notamenti mizmuma mit-testatur imsemmi jirrizulta li fil-kors tas-sena 2001 dan kien qed jahseb biex ivarja l-ahhar testment li kien ghamel fit-18 ta' Novembru 1997 kif hekk jirrizulta *di proprio pugno* fuq kopja ta' l-istess testment.  Din il-varjazzjoni kienet tikkoncerna l-laxxiti izda mhux in-nomina tal-legatarji jew tal-werrieta.  In effetti kif jigi pruvat l-imsemmi testatur baqa' sal-ahhar ta' hajtu jafferma li huwa kien ibbenefika ghal wara mewtu bil-konsangwinei u nies li jigu minnu jew affini mieghu.

4) Illi wara l-mewt tieghu gie skopert li kien sar testment datat 23 ta' Awissu 2001 atti Nutar Dottor Antoine Agius li fih apparentement l-imsemmi Anthony Nicholas Borg innomina bhala eredi tieghu lill-konvenut, persuna assolutament estranea ghalih.  Jirrizulta li dan it-testment kien sar ftit granet qabel ma l-istess konvenut iddahhal il-Habs fit-13 ta' Settembru 2001 biex jiskonta sentenza lilu nflitta ghal reat kriminali.

5) Minn accertament li sar minn espert kalligrafu nstab li l-firma tat-testment fuq il-precitat testment kienet falza.

6) Illi ankorke` dan ma huwiex hekk il-kaz, l-istess testment huwa null peress illi huwa vizzjat b'qerq, raggiri u mezzi ohra illeciti adoperati mill-konvenut fir-rigward tat-testatur u tat-testment imsemmi.

7) Ghalhekk qed issir din il-kawza biex it-testment imsemmi tat-23 ta’ Awissu 2001 jigi dikjarat null u bla effett legali u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija jew ta’ xi wahda minnhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

**B. PROVI:**
Rat li kienet giet prezentata nota ta’ eccezzjoni li in segwitu giet irtirata b’nota tad-19 ta’ Dicembru, 2013 u ghaldaqstant il-konvenut Richard Gauci qabel li l-istess nota ta’ eccezzjonijiet tigi sfilzata mill-atti processwali.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Rat li fis-seduta tal-15 ta’ Jannar, 2014 giet pezentata nota tal-konvenut li biha l-Qorti giet infurmata li l-partijiet f’din il-kawza lahqu tranzazzjoni u ttransigew il-pendenzi kollha naxxenti minn din il-kawza kif ukoll dwar l-assi ereditarju ta’ Nicholas Borg li t-testment tieghu huwa mertu ta’ din il-kawza. Il-partijiet xtaqu li jinghata effett ghal tali tranzazzjoni. Il-konvenut iddikjara li hu mhux qed jikkontesta t-talbiet attrici u l-partijiet qablu wkoll li fit-tranzazzjoni milhuqa l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa.

Inoltre matul is-seduta tal-15 ta’ Jannar, 2014 il-partijiet prezenti qablu man-nota inkluz il-konsulent legali ta’ Emanuel Scerri u talbu li tinghata sentenza a tenur tan-nota prezentata fil-15 ta’ Jannar, 2014 minn Dr. Grech.

**D: KONKLUZJONIJIET:**
In vista tat-tranzazzjoni milhuqa bejn il-partijiet u l-atti kollha tal-kawza u fuq talba tal-partijiet biex jinghata effett ghat-tranzazzjoni milhuqa minnhom u li konsegwentement Richard Gauci ddikjara li ma kienx qed jikkontesta t-talbiet attrici, il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li t-testment tat-23 ta’ Awissu, 2001 allegatament maghmul minn Anthony

Nicholas Borg fl-atti tan-Nutar Antoine Agius huwa null minhabba li l-firma fuqu tat-testatur hija falza.

Tiddikjara u tiddeciedi li t-testment imsemmi huwa null u ta' ebda effett legali minhabba nuqqas u/jew vizzju tal-volonta` ta' l-istess testatur.

Tiddikjara u tiddeciedi li s-successjoni ta' l-istess Anthony Nicholas Borg ghandha tkun regolata mit-testment precedenti tat-18 ta' Novembru, 1997 atti Nutar Gerard Spiteri Maempel.

Tordna wkoll notifika ta' din is-sentenza lin-Nutar Dr. Antoine Agius u lin-Nutar tal-Gvern.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------